



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji

2009/2169(INI)

5.10.2010

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji

għall-Kumitat għall-Affarijiet Legali

dwar miżuri interim proposti għall-iffriżar u l-iżvelar tal-assi tad-debituri
f'każijiet transkonfinali
(2009/2169(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Theodor Dumitru Stolojan

PA_NonLeg

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji jistieden lill-Kumitat għall-Affarijiet Legali, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jilqa' r-rapport ta' inizjattiva proprja tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali, minħabba li jindirizza l-problemi mqajma mill-għadd dejjem jikber ta' litigazzjonijiet kummerċjali transkonfinali u l-ħtieġa ta' koerenza fis-suq intern;
2. Jinnota li r-rallentamenti ekonomiċi bosta drabi huma akkumpanjati minn żieda fil-frodi; iqis li dan iwassal għal urġenza akbar għat-trasparenza transkonfinali rigward il-beni, u għal mekkaniżmi standardizzati għall-ġbir transkonfinali tad-djun;
3. Josserva li premessa ċentrali biex ikun hemm l-istess kundizzjonijiet għal kulħadd kif jirrikjedi s-suq unika bilfors trid tkun l-aċċess funzjonanti u li jista' jlaħħaq miegħu kulħadd għall-ġbir tad-djun transkonfinali;
4. Jirrimarka li l-informazzjoni xierqa u f'waqtha dwar l-assi tad-debituri hija vitali għall-irkupru tad-dejn, il-protezzjoni tal-interessi tal-kredituri u l-infurzar tal-liġi; għalhekk jistieden lill-Kummissjoni tintensifika l-azzjoni għall-armonizzazzjoni tas-sorsi tal-informazzjoni fl-Istati Membri, bħalma huma r-reġistri kummerċjali;
5. Jisħaq li l-banek u istituzzjonijiet oħrajn għandu jkollhom il-kostijiet tagħhom koperti għas-servizzi li jagħtu, imma dawn għandhom ikunu rifless veru tal-kostijiet neċessarji u veri;
6. Jappoġġa l-implimentazzjoni ta' miżuri interim jew provviżorji li jistgħu jsolvu każijiet ta' rkupru tad-dejn jew tilwimiet rigward dan il-proċess qabel ma l-każijiet jaslu għand il-qrati, u b'hekk titnaqqas l-ispiża tal-irkupru tad-dejn;
7. Jissuġġerixxi li jiġu introdotti strumenti standardizzati għall-iżvelar u l-iffriżar tal-assi tad-debituri fit-tilwim kummerċjali transkonfinali, billi dawn l-istrumenti diġà ġew aċċettati mill-Istati Membri għal każijiet li jinvolvu l-irkupru ta' obbligazzjonijiet fiskali;
8. Jinnota li l-iżvelar m'għandux għalfejn imur lil hinn minn dak li jkun biżżejjed biex ikopri pretiżi għal flus u biex tiġi stabbilita l-abilità li l-ispejjeż kollha jkunu koperti, bħalma huma l-kostijiet bażiċi għall-għajxien li jista' jkun eżenti mill-qbid; josserva li għandu jkun hemm preżunt ta' ishma ndaqs f'komproprjetà sakemm ma jintweriex il-kontra;
9. Jinsisti li miżuri interim jew provviżorji u kwalunkwe strument vinkolanti ieħor għall-iżvelar u/jew għall-iffriżar tal-assi tad-debituri għandhom jiġu kkomunikati f'forma elettronika;
10. Jipproponi li tiġi intensifikata l-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-infurzar fl-Istati Membri biex jitħaffef l-irkupru tad-dejn;
11. Jistieden lill-Kummissjoni tħaffef l-inizjattiva leġiżlattiva dwar it-trasparenza tal-assi tad-

debituri, li hi skedata għall-2013.

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

Data tal-adozzjoni	5.10.2010
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 41 -: 0 0: 0
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Sharon Bowles, Udo Bullmann, George Sabin Cutaş, Leonardo Domenici, Derk Jan Eppink, Diogo Feio, Elisa Ferreira, José Manuel García-Margallo y Marfil, Jean-Paul Gauzès, Sven Giegold, Sylvie Goulard, Liem Hoang Ngoc, Gunnar Hökmark, Othmar Karas, Wolf Klinz, Jürgen Klute, Rodi Kratsa-Tsagaropoulou, Philippe Lamberts, Astrid Lulling, Hans-Peter Martin, Arlene McCarthy, Ivari Padar, Anni Podimata, Antolín Sánchez Presedo, Olle Schmidt, Edward Scicluna, Peter Simon, Theodor Dumitru Stolojan, Ivo Strejček, Marianne Thyssen, Ramon Tremosa i Balcells, Corien Wortmann-Kool
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Pervenche Berès, David Casa, Sari Essayah, Thomas Händel, Danuta Maria Hübner, Arturs Krišjānis Kariņš, Thomas Mann, Pablo Zalba Bidegain
Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Elżbieta Katarzyna Łukacijewska